MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 5(2011), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Erbgħa, 20 ta' April 2011, fil-5.00 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

**Segretarju Eżekuttiv** John Restall

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Attivitajiet għal Jum Marsaxlokk
6. Arranġamenti għal Jum San Girgor
7. Attivitajiet għal "Mir-Raħal is-Sajjieda"
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 4(2011) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Ma' kien hemm xejn *Arising* mill-Minuti.

**4. Affarjiet Oħra**

**4.1** Il-Kunsill qabel unanimament li jbiddel l-ordni tal-Agenda sabiex is-Sur Pierre Zerafa jagħmel preżentazzjoni dwar diversi tipi ta' CCTV *Cameras.* Wara l-preżentazzjoni, il-Kunsill talab lis-Sur Zerafa sabiex jipprepara kwotazzjoni għal CCTV *Cameras* f'diversi siti fil-lokalita'.

**4.2** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob lil Sterling Security x'inhuma r-rati tagħhom biex jissorveljaw is-CCTV *Cameras.*

**5. Korrispondenza**

**5.1** Beda l-qari tal-korrispondenza pendenti.

**5.2** Is-Sinjura Simone Cini talbet li jiġu nstallati *sleeping policemen* f'Triq Bir Rikka. Minn mindu sar *resurfacing* f'din it-triq is-sewqan kien sar eċċessiv u perikoluż. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Transport Malta għall-permessi meħtieġa biex dawn jiġu nstallati.

Fis-7.30 p.m. il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 28 ta' April 2011, fil-5.00 p.m.

**5.3** Il-laqgħa ssoktat fit-28 ta' April 2011 fil-5.00 p.m. Il-Membri kollha kienu preżenti.

**5.4** Tkompla l-qari tal-korrispondenza**.**

**5.5** Dwar it-talba tal-Maniera Group sabiex il-Kunsill joħroġ ittra ta' *No Objection* sabiex Ta' Victor Restaurant joħroġ mwejjed u siġġijiet fil-Pjazza l-Madonna ta' Pompei, il-Kunsill qabel li din l-ittra kellha toħroġ bil-kundizzjoni li kien għad jinħtieġ isir *Master Plan* għal dawn it-tip ta' permessi f'din il-pjazza.

**5.6** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ifakkar lid-Dipartiment tal-Artijiet li kellu jsir dan il-*Master Plan.*

**5.7** Rigward il-talba ta' Alfred Schembri għal żieda fir-rati tal-offerta li l-Kunsill kien aċċetta f'Jannar 2011, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob il-parir tas-Sur Frans Attard, id-Direttur tal-Kuntratti.

**5.8** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ifakkar lill-avukati u lis-Sur Arthur Ciantar li fil-5 ta' Mejju 2011 kellha ssir laqgħa tal-Bord tal-Appell dwar l-estensjoni tal-*Power Station* ta' Delimara.

**5.9** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lis-Sur Paul Radmilli, is-Segretarju Privat tal-Ministru George Pullicino, li aċċetta n-nomina biex ikun membru tal-Bord tal-Park Xrobb l-Għaġin.

Il-Kunsillier Steven Grech skuża ruħu u telaq mill-laqgħa fis-6.00 p.m.

**5.10** Il-Kunsill fassal twegiba għall-kummenti li kien irċieva mingħand il-*Monitoring Unit* tad-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar il-Ftehim dwar il-Grawnd tal-Futbol. Il-Kunsill wieġeb hekk :

1. Fl-ewwel lok qed tiġu nfurmati li l-kontenut ta' dan il-kuntratt jammonta għal donazzjoni li bih il-Kunsill mar kontra l-Artiklu 63A tal-Liġi.u għalhekk ma setgħax isir

   *Il-Kunsill ma jaqbilx li dan il-kuntratt kien jammonta ghal donazzjoni izda dan kien ftehim ghall-uzu tal-grawnd tal-futbol miz-zaghzagh tar-rahal u mill-istudenti tal-Iskola Primarja.*

2. Fit-tieni lok ġie nnutat li għalkemm permezz ta'email datata 2 ta' Ġunju 2009 id-Dipartiment infurmakom li m'hemm xejn fir-regolamenti li jgħidu li Kunsill ma jistax jikri, pero' l-unika nformazzjoni li intom tajtu lil dan id-Dipartiment hija li l-kirja kienet ser tkun għal €2,330, u ma nfurmajtuh b'xejn bil-kontenut tal-ftehim li kontu ser tiffirmaw. Għalhekk id-Dipartiment ma setgħax jevalwa t-talba tal-kunsill vis-à-vis l-kundizzjonijiet kontenuti f'dan il-ftehim

   *Dak iz-zmien ma kienx intalab il-kontenut tal-kuntratt. Ma kien hemm xejn sigriet f'dan il-kuntratt.*

3. Bħal ma kkummenta l-Uditur lokali fir-rapport tiegħu għas-sena 2009, bil-kirja li tħallset globalment għal seba' snin bil-quddiem, il-Kunsill mar kontra l-Proċeduri Finanzjarji tal-1996 billi kirja ma tistax titħallas bil-

quddiem għal aktar minn sena u kuntratt normalment ma jkunx għal aktar minn tlett snin.  B'dan il-ftehim, il-Kunsill mhux biss rabat lilu nnifsu, imma rabat ukoll lis-suċċessuri tiegħu għaż-żmien sat-terminu tal-ftehim.

*Il-Kunsill ma jaqbilx li ntrabat b'dan il-ftehim.  Il-Kunsill isostni li mhux talli ma rabatx is-successuri tieghu ghaz-zmien sat-terminu tal-ftehim, talli ser ihalli zmien ta' kirja ga mhallsa.*

4. Id-Dipartiment irid ukoll spjegazzjoni dwar il-kontenut ta' paragrafu numru tnejn (2) tal-ftehim, fejn waqt li qed jingħad li l-kirja qed issir għal **mitejn ewro (€200) kull jum**, **(li f'7 snin jammontaw għal €364,000),** imbagħad qed jingħad li bonarjament bejn il-partijiet din il-kirja qed tiġi ridotta għal €16,400 għal matul il-perjodu kollu ta' din il-kirja.

   *Dan il-paragrafu ifisser li jekk xi hadd jixtieq jikri l-grawnd tal-futbol ghal gurnata, normalment dan ikun jiswilu €200.  Pero', il-Kunsill kiseb prezz tajjeb sabiex il-grawnd jintuza waqt il-hinijiet stabiliti billi hallas minn qabel.*

5. Id-Dipartiment lanqas ma jista' jifhem kif Kunsill,nefaq dawn il-flus kollha minn fondi pubbliċi biex jikri football grawnd biex jintuża miż-żgħażagħ ta' taħt it-18-il-sena u għat-tfal ta' l-iskola mit-**Tnejn sal-Ġimgħa sas-sagħtejn ta' wara nofsinhar biss**   Għalkemm fl-email tagħkom tas-26 ta' Mejju 2009 intqal li l-grawnd ser jintuża għal raġunijiet u skopijiet partikolari mit-tfal ta' l-iskola u miż-żgħazagħ, l-utilita' ta' dan il-grawnd għal fini ta' sports jista' jintuża biss għal logħob tal-football.  Għalhekk mhux magħruf x'inhu l-iskop wara din il-kirja, meta l-ħinijiet li fihom il-Kunsill jista' jutilizza dan il-grawnd, it-tfal u ż-żgħażagħ ikunu l-iskola matul il-ġranet tax-xitwa u fl-istaġun tas-sajf l-iskola tkun magħluqa u football ma jintlagħabx speċjalment fin-nofs ta' nhar ta' fil-għodu..   Normalment il-ħinijiet li fihom iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jeżerċitaw l-isports tagħhom, jagħmlu dan filgħaxijiet jew is-Sibtijiet u Ħdud, li huma l-ġranet u l-ħinijiet li l-Kunsill huwa pprojbit milli juża dan il-grawnd jekk ma jkollux il-permess tal-Club minn ġimgħa qabel.

   *Il-Marsaxlokk Football Club ga nforma 'l Kunsill  li mhuwiex se jzomm il-Kunsill li juza l-grawnd ghal dawn il-hinijiet biss, hlief ghal hinijiet li ma jistax jintrabat ghalihom minhabba l-hinijiet li l-grawnd jintuza mill-Klabb stess. Il-Marsaxlokk Football Club lest li jzid din il-klawsola f'addendum mal-ftehim.*

6. Id-Dipartiment irid spjegazzjoni wkoll dwar x'inhi r-raġuni li l-Kunsill daħal għal spiża oħra biex jinxurja l-grawnd minħabba li għandu t-turf, meta l-grawnd la huwa proprjeta' tal-Kunsill u l-Kunsill kull m'għandu hija kirja parzjali.  F'dan ir-rigward intom mitlubin tinfurmaw lil dan id-Dipartiment x'tip ta' sorveljanza qed issir min naħa tal-Kunsill waqt l-użu ta' dan il-grawnd anke meta ma jkunx fil-pussess tiegħu, sabiex il-Kunsill jaċċerta ruħu li mhux qed issir ħsara meta jkun qed jintuża għal logħob minn terzi, fosthom il-Marsaxlokk Football Club innifsu u meta jkun qed isir logħob ta' l-MFA f'dan l-istess grawnd, liema ħsara jrid jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill.  Id-Dipartiment huwa mgħarraf ukoll illi fuq grawnds miksijin bit-turf, għandhom jintużaw żraben apposta, altrimenti huwa faċli li turf jitqatta', u għalhekk mhux magħruf jekk il-Kunsill huwiex qiegħed jagħmel dan it-tip ta' sorveljanza fil-ħinijiet meta suppost il-grawnd qed jintuża mit-tfal ta' l-iskola jew iż-żgħażagħ.

   *Dan il-paragrafu japplika biss ghal xi hsara serja jew atti vandali waqt li l-grawnd ikun fil-kustodja tal-Kunsill. Madankollu, kif infurma 'l Kunsill il-President tal-Marsaxlokk Football Club, il-grawnd hu inxurjat mill-Klabb stess u din il-polza tkopri danni u hsarat bhal dawn. F'dan il-kaz, il-Marsaxlokk Footbal Club lest li jiccara din il-klawsola f'addendum mal-ftehim.*

7. L-Uditur Lokali kkummenta wkoll li l-Kunsill kellu jirrikorri għal ġbir ta' kwotazzjonijiet u/jew sejħa għall-offerti.  Il-fatt li f'Marsaxlokk hemm football grawnd wieħed biss, dan ma jeżonerx lill-Kunsill milli joħroġ sejħa għall-offerti in vista tas-somma nvoluta f'dan il-ftehim u għalhekk minn dan il-għan il-Kunsill ma mexiex mar-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji.

   *Dan ma setax isir ghaliex grawnd wiehed biss jinsab f'Marsaxlokk.*

8. Mill-informazzjoni li bgħattulna hawn taħt, issa l-Kunsill qed jgħid li jrid jirrevedi dan il-ftehim.  Id-Dipartiment f'paragrafu numru 1 diġa' nfurmakhom lid an il-ftehim jammonta għal donazzjoni u jmur kontra l-Art.63A tal-Liġi u għaldaqstant kwalunkwe reviżjoni tiegħu tmur kontra l-istess Artiklu wkoll.  Barra minn hekk, allura dan ifisser li l-Kunsill ħallas ta' sentejn kera għal xejn, la darba qed jiġi dikjarat li dan il-grawnd għadu lanqas beda jintuża għall-iskopijiet li għalih inkera?  Id-Dipartiment jirritjeni li l-ħlas tal-kera bil-quddiem bil-mod kif saret nkisru r-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji. Għalhekk qed tiġu mgħarrfa li d-Dipartiment qed jikkunsidra li l-flejjes minfuqa jiġu mnaqqsa mill-allokazzjoni tal-Kunsill.

*Il-Kunsill ikompli jsostni li l-iskop ta' dan il-ftehim ma kienx biex issir donazzjoni lill-Marsaxlokk Footbal Club. Fl-adendum li qed jigi mfassal b'konsultazzjoni u qbil mal-Marsaxlokk Football Club, il-perijodu tal-kirja se jitwal b'sentejn ohra minghajr hlas.*

**6.** **<u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**6.1** Fit-8 ta' April 2011, il-*Public Contracts Review Board* kien sema l-appell ta' 4H2o Ltd dwar is-sejħa għal-offerti għal funtana f'Pjazza l-Madonna ta' Pompei. Il-Bord kien iddeċieda favur il-Kunsill u kienet ħarġet il-*Letter of Acceptance* lil AFS Ltd.

**7.** **<u>Attivitajiet għal Jum Marsaxlokk</u>**

**7.1** Peress li kien hemm ħafna attivitajiet oħra li kienu se jsiru fit-8 ta' Mejju 2011, il-Kunsill iddeċieda li jipposponi Jum Marsaxlokk għal data li għad trid tiġi deċiża.

**8.** **<u>Arranġamenti għal Jum San Girgor</u>**

**8.1** Kienu saru l-arranġamenti meħtieġa mal-Pulizija u l-Gwardjani Lokali.

**9.** **<u>Attivitajiet għal "Mir-Raħal is-Sajjieda</u>**

**9.1** Il-Kunsillier Pomroy informa 'l Kunsill bl-attivitajiet kollha li se jiġu organizzati nhar is-Sibt u nhar il-Ħadd, l-4 u l-5 ta' Ġunju 2011.

**10.** **<u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>**

**10.1** Il-Kunsillier Cassar, issekondat mill-Viċi-Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Allied Newspapers | Avviżi Jum San Girgor u tal-karrijiet | 111.98 |
| Anġlu Grech | Konkos għal bankina Triq tas-Silġ (1378) | 92.04 |
| Biba's | Drapp għall-bandiera ta' Marsaxlokk għall-Pjazza | 218.05 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Jan - Marzu 11 | 691.48 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann u petrol 11.04.11 (No 323324) | 50.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol għall-mutur 18.04.11 (323329) | 15.00 |
| Cleansing Directorate | Latrini Marzu 11 | 624.83 |
| Commissioner of Inland Revenue | SSC (parti mħallsa minn min jimpjega) Marzu 11 | 361.96 |
| Cortis Timber & Wood Supplies | *Plywood* għat-tabelli | 14.00 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Marzu 11 | 1030.75 |
| F Zammit Garden Centre | Pjanti għall-Pjazza (ma' ġenb il-Knisja) | 145.00 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Mar 11 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Mar 11 | 58.23 |
| GO | 21659555, Marzu 11 | 25.53 |
| GO | 21652525, Marzu 11 | 273.60 |
| GO | 21650937, Marzu 11 | 56.42 |
| GO | 21652392, April 11 | 15.58 |
| G4S | *Cash-in-transit* Marzu 11 | 22.83 |
| Għaqda Kooperattiva tas-Sajd | Lasta għall-kopp | 9.50 |
| Geoffrey Montesin Valley Petshop | Velenu tal-bebbux | 6.80 |
| Geoffrey Montesin Valley Petshop | Velenu tal-bebbux | 6.80 |
| Honoraria | Honoraria tas-Sindku Marzu 11 | 525.03 |

| | | |
|---|---|---|
| Image Systems | Tiswija tal-*photocopier* | 20.61 |
| Jason Gauci | Gazzetti Marzu 11 | 95.00 |
| Mary Cachia | Kera, 14.04.11 - 13.07.11 | 1300.00 |
| Merlin Library | Kotba għall-Librerija Pubblika | 75.09 |
| Merlin Library | Kotba għall-Librerija Pubblika | 2.99 |
| Merlin Library | Kotba għall-Librerija Pubblika | 4.20 |
| mita | *Wide area connectivity* Apr - Ġunju 11 | 416.85 |
| Nexos Street Lighting | Street Lighting Maintenance Frar u Marzu 11 | 1410.63 |
| Occasions (J Restall) | Souvenirs għall-istudenti Ġermaniżi | 48.00 |
| Patrick Cellars | Ilma | 28.00 |
| Petty Cash, 28.02.11 - 30.03.11 | Spejjeż varji taħt il-€23.29 | 95.41 |
| Ronald Bezzina Bulky Refuse Services | Bulky Refuse Marzu 11 | 171.92 |
| Ronald Bezzina Street Sweeping | Kenniesa Marzu 11 | 1781.25 |
| Ronald Bezzina Street Sweeping | Qtugħ ta' ħaxix Triq Santu Kristu | 120.00 |
| Salarji | Impjegati u Segretarju Eżekuttiv Marzu 11 | 4929.48 |
| Schembri Concrete Blocks | Kurduni - Bankina Triq tas-Silġ | 40.73 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* u *toner cartridge* | 266.21 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 85.12 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 03.04.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 10.04.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 17.04.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 17.04.11 | 31.68 |
| Sterling Security | Sevizz tal- Gwardjani 24.04.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 24.04.11 (dwar San Girgor) | 31.68 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 25.04.11 (dwar San Girgor) | 31.68 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 26.04.11 (dwar San Girgor) | 31.68 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 27.04.11 (dwar San Girgor) | 71.28 |
| Union Print | Avviż tat-tenders | 62.02 |
| Waste Oils Company Limited | Tneħħija ta' żejt użat | 36.00 |
| | **Total** | **€19,712.34** |

**10.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**11.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**